MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 251/2002/1

**Charles Grech.**

**-vs-**

**Fruit and Fish Importers Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Settembru, 1996 li permezz taghha s-socjeta' Fruit and Fish Importers Limited ippremettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditur tal-konvenut fis-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) rappresentanti din is-somma import ta' ghoxrin (20) kambjala fis-somma ta' mitejn lira

(Lm200) l-wahda, liema kambjali kienu accettati u ffirmati mill-konvenut (Dok A1 – A20).

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante l-interpellanzi maghmula lill-konvenut.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas anke a tenur ta' l-artikolu 198 tal-Kap. 13 ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati liema kambjali skadew izda ma thallsux.

Bl-ispejjez u l-imghax mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fit-30 ta' Lulju, 2004 li permezz taghha Charles Grech eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-ammont mitlub huwa preskritt stante li ghaddew aktar minn hames snin kif se jigi ppruvat fil-kawza.

2. Illi fit-tieni lok l-ammont mhux dovut kif se jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ohra kif ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Charles Grech mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-27 ta' Gunju, 2005 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' hames snin. Ghalkemm il-konvenut ma ndikax dan fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, hu car illi qed jirreferi ghall-Artikolu 542 tal-Kapitolu 13 li jimponi terminu ta' hames snin mid-data tal-kambjala biex isir issir l-*actio cambiaria*.

Din il-kawza qed terga' tigi trattata mill-gdid wara li fit-18 ta' Gunju, 2004 il-Qorti kienet ikkonkludiet li n-notifika tal-konvenut Grech fil-kawza deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 2001 kienet nulla. Gara allura li l-konvenut gie notifikat wara dik is-sentenza u kwindi fis-sena 2004 meta l-kambjali in kwistjoni kollha kienu mmaturaw qabel l-ewwel kawza li kienet infethet fl-1996.

Il-partijiet ghamlu dikjarazzjoni kongunta fis-seduta tat-13 ta' April, 2005 li fiha ddikjaraw illi l-konvenut ma ghamilx pagamenti mill-1996 sa dak in nhar. L-abbli difensur tal-attur argumenta li dan ifisser li l-konvenut ammetta li kellu jaghti. Bir-rispett kollu dan ma jfissirx hekk ghaliex bniedem jista' jkun ma jhallasx ghax ma jkollux jaghti. Huwa car li ghaddew ferm iktar minn hames snin minn meta skadew il-kambjali ghal meta l-konvenut gie effettivament notifikat. Ghalkemm il-kawza giet istitwita fl-1996 l-Artikolu 2130 tal-Kapitolu 16 jghid car u tond illi *il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall preskrizzjoni.* Kwindi l-ksur tal-preskrizzjoni ma sehhitx fil-waqt (fis-sens li lahqet kisritha qabel skada l-perjodu preskrittiv) permezz tal-att gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kapitolu 16.

Wiehed irid jara allura jekk kienx hemm xi ksur iehor tal-preskrizzjoni. L-uniku hjiel li l-konvenut seta' ammetta li kellu

jaghti kien mid-deposizzjoni tal-Avukat Dottor Joseph Giglio li kien l-Avukat tas-socjeta' attrici fiz-zmien in kwistjoni. Dottor Giglio qal li kienu saru xi diskussjonijiet u li l-konvenut kien offra li jhallas elf Lira Maltin (Lm1,000) fix-xahar. Fil-fehma tal-Qorti pero' dan ma jfissirx li l-konvenut kien qed jirreferi ghall-kambjali in kwistjoni ghaliex jirrizulta illi l-konvenut kellhu jaghti somma ferm ikbar mill-ammont mitlub f'din il-kawza – dejjem skond l-istess Dr. Giglio u anke ix-xhud Farrugia li hu d-direttur tas-socjeta' attrici. Fil-fatt il-kambjali inhargu fuq bejgh ta' dghajsa tas-sajd li kienet tiswa ferm iktar mill-ammont mitlub f'din il-kawza. Mhux car ghalhekk jekk il-konvenut accettax il-hlas tal-kambjali mertu ta' din il-kawza jew xi hlasijiet ohra li setghu kienu (u x'aktar kienu) dovuti minnu.

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>Carmelina Vella vs Anthony Borg</u> (16 ta' Settembru, 1994) intqal illi;

*Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu..*

Madankollu l-istess sentenza u diversi ohrajn jaghmluha cara li r-rikonoxximent irid ikun car u inekwivoku billi si tratta ta' telfien ta' dritt. FIl-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz dan ma sarx b'dan il-mod.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talba attrici.**

**Fic-cirkostanzi pero l-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------